# Nikola Zammit
# (l-artist , il-letterarju u l-filosfu)

Chev. Mario Coleiro OSJ

Il-Professur Nikola Zammit huwa wieħed mill-iktar ulied illustri li għandu r-raħal tas-Siġġiewi. Huwa mhux biss għamel isem għal raħal twelidu imma għamel suċċes madwar Malta kollha u barra xtutna.

Nikola twieled nhar l-20 ta' Novembru tal-1815. Huwa studja l-Mediċina fl-Università ta' Malta u fl-1839 iggradwa bħala tabib. Għaxar snin wara kien appuntat assistent supretendent tal-Ħabs Ċivili. Fl-1856 kien maħtur Kap Gwardjan tal-Akwadotti u fl-1876 kien maħtur Professur tal-Filosofija ġewwa l-Università ta' Malta. Huwa kien ukoll Politikant u Ħassieb Soċjali. Kien jikteb ħafna kotba tal-proża u kien ġurnalist u editur ukoll. Kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa Arkitetti ta' żmienu. Kien ukoll artist u kritiku tal-arti. Ftit li xejn kellu ħin biex jeżerċita x-xogħol ta' tabib imma ħinu kien jiddedikah kollu għal-letteratura, għall-arti u għall-filosofija. Fl-1845 mar joqgħod il-Belt Valletta fejn beda jaħdem bħala għalliem tal-letteratura fis-Seminarju. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu ħafna perjodikali li kienu jittrattaw l-arti.

Meta kien qed jaħdem bħala Kap Gwardjan tal-Akwedotti kien ħejja rapport elaborat ħafna u preżentah lill-Gvern Kolonjali Ingliż biex isolvi darba għal dejjem il-problema tan-nuqqas ta' ilma li Malta kienet ilha tbati biha għal mijiet ta' snin. Biex ħejja dan ir-rapport kien għamel riċerka u studja bir-reqqa ħafna possibiltajiet biex tissolva din il-problema. Fl-1854 kien onorat bil-premju tal-Istituto Scientifico e Letterario għal dan ir-rapport li bis-saħħa tiegħu bdiet tiġi ndirizzata bis-serjetà din il-problema. Huwa kompla jippubblika iktar xogħol letterarju li kien ivarja bejn kotba akkademiċi u oħrajn ta' passatemp. Meta kellu wieħed u sittin sena kien maħtur filosfu prinċipali tal-Università ta' Malta, kariga li dam jokkupa għal erbatax-il sena.

Nikola Zammit huwa magħruf ukoll għax-xogħol t'arkitettura li ħallielna. Huwa kkonsidrat bħala wieħed mill-aqwa arkitetti ta' żmienu u xogħlu jixhed dan. Wieħed mill-isbaħ xogħlijiet tiegħu hu l-faċċata tal-knisja ta' San Publju, il-Furjana. Ħadem ukoll il-faċċata tal-knisja ta' San Pawl Nawfragu, fil-Belt Valletta. Kien responsabbli għat-tkabbir tal-knisja ta' Santa Katerina taż-Żurrieq meta kienu żdidulha n-navi u l-faċċata l-ġdida. Kien ħa ħsieb u ddisinja wkoll il-knisja ta' San Pietru li tinsab f'Marsaxlokk. Fis-Siġġiewi Nikola Zammit sebbaħ il-knisja parrokkjali billi bnielha l-portiku maestuż li naraw isebbaħ il-faċċata. Huwa kien ikkummissjonat bid-disinji ta' ħafna prospettivi ta' artali fil-knejjes imferrxa ma' Malta u Għawdex kollha fosthom tas-Siġġiewi (raħal twelidu), ta' Bormla, tal-Qrendi u ħafna oħrajn.

Nikola Zammit miet fid-dar li kellu f'Tas-Sliema, nhar id-29 ta' Lulju 1899 fl-għomor ta' tlieta u tmenin sena. Huwa ndifen fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi. Is-Siġġiwin onoraw lil dan il-wild denju ta' raħal twelidhom billi ssemmiet waħda mit-toroq prinċipali għalih u fiha twaqqaf monument tiegħu biex dan il-bniedem kbir ma jintesa qatt.